**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Global Capital Life Insurance Limited (C -29086)**

**Vs**

**Ramazan Ertugrul (KI 191900L)**

**Rikors Numru 35/17**

Illum 22 ta’ Mejju 2018

Il-Bord,

Ra r-rikors tas-socjeta Global Capital Life Insurance Limited (C-29086) li jaqra hekk:

1. Illi s-socjeta’ esponenti kienet propjetarja tal-fond Flat 2, Trident Court, Triq il-Ghajn, Swieqi;

2. Illi ai termini ta’ skrittura privata (kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A) is-socjeta esponenti kkoncediet b’titolu ta’ lokazzjoni lill-intimat Ramazan Ertugrul l-fond de quo mill-15 ta’ Frar 2010 sal-14 ta’ Frar 2013 u ssusegwentement estendiet il-lokazzjoni sal-14 ta’ Frar 2016 versu l-kera ta’ sitt mija u hamisn ewro (€650) pagabbli kull xahar bil-quddiem;

3. Illi ai termini ta' klawsola 27 is-socjeta esponenti tterminat il-lokazzjoni u tat tlett xhur avviz lill-intimat u cioe sat-2 ta' Dicembru 2015 sabiex jivvaka mill-fond de quo (kopja tal-ittra qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument** B);

4. Illi l-intimat effettivament ivvaka mill-propjeta nhar id-9 ta Dicembru 2015;

5. Illi minkejja t-terminazzjoni tal-lokazzjoni, l-intimat baqa' moruz fil-konfront tas-socjeta esponenti u dan fis-somma ta' erbat elef seba' mija u erbatax -il euro u tmienja u hamsin centezmu (€4714.58) rapprezentanti; elfejn erbgha mija disgha u sittin euro u sitta u sittin centezmu (€2,469.66) arretrati ta' kera mill-15 ta' Awissu 2015 sad-9 ta Dicembru 2015 u elfejn, mitejn u erbgha u erbghin euro u tnejn u disghin centezmu (€2,244.92) rapprezentanti kontijiet tad-dawl u l-ilma (kopja tar-rendikont tad-debitu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument** C);

6. Illi minkejja illi l-intimat gie diversi drabi interpellat sabiex jersaq ghas-saldu tad-debitu huwa naqas milli jaghmel dan;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost GlobalCapital Life Insurance Limited titlob bir-rispett lil dan il-Bord, prevja dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni joghgobu:

1. Jiddikjara illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fis-somma globali ta' erbat elef seba' mija u erbatax –il ewro u tmienja u hamsin centezmu (€4,714.58) jew somma ohra verjuri;

2. Tordna lill-intimat ihallas is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa min issa ingunt in subizzjoni.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors promotur u bl-avviz ghas-smiegh izda la deher u lanqas ikkontesta t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra

Mill-atti jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti kriet il-fond Flat 2, Trident Court, Triq il-Ghajn, Swieqi lill-intimat permezz ta' skrittura ta' lokazzjoni[1] mill-15 ta' Frar 2010 sal-14 ta' Frar 2013 u l-lokazzjoni giet estiza sal-14 ta' Frar 2016 versu l-kera pagabbli ta' €600 pagabbli kull xahar bil-quddiem. Is-socjeta' rikorrenti

[11] Dok A a fol 3 tal-process

tterminat il-lokazzjoni permezz ta' ittra tal-1 ta' Settembru 2015 u l-intimat intalab jivvaka l-appartament sat-2 ta' Dicembru 2015 u dan in linea ma' klawzola numru 27 fl-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet[2]. L-intimat fil-fatt ivvaka l-appartament fid-9 ta' Dicembru 2015.

Jirrizulta izda li fil-perjodu ta' qabel ma' s-socjeta' rikorrenti kienet baghtet l-ittra sabiex tittermina l-lokazzjoni, l-intimat kien waqa' lura fil-hlasijiet tal-kera dovuti u dawk in konsegwenza ghall-uzu tas-servizzi tad-dawl u ilma. Infatti s-socjeta' rikorrenti pprezentat prospett[3] fejn gie spjegat x'jirrapprezenta l-ammont pretiz. Ir-rapprezentant ta' ARMS Ltd, Reuben Bonnici, ipprezenta wkoll il-kontijiet relattivi[4].

Fid-dawl tal-provi prodotti, il-Bord iqis li t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma misthoqqa.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti u ghalhekk:

1. Jiddikjara illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fis-somma globali ta' erbat elef seba' mija u erbatax –il ewro u tmienja u hamsin centezmu (€4,714.58);
2. Tordna lill-intimat ihallas is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**

[2] Dok B a fol 6 tal-process
[3] Dok C a fol 7 tal-process
[4] Seduta tat-18 ta' Jannar 2018